**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 3 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Michael Spiteri**

Illum, 20 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Spiteri, iben Victor Spiteri u Dolores Spiteri nee' Apap, imwieled fit-2 ta' Novembru 1959, residenti fil-fond ' St. Michael' , Triq tal-Masri, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 60559 (G), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-8 ta' Ottubru, 2020, u fix-xhur ta' qabel fl-inhawi ta' Hamet limiti tax-Xewkija;

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil Fortun Sultana I.D. 61250 (G) fil-pussess ta' hwejgu b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor;

2. Aktar talli fl-istess post, hinijiet u cirkustanzi bi hsara tas-sid jew detentur u cioe' Fortun Sultana I.D. 61250 (G) ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Frar, 2021, fejn il-Qorti wara wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati u cioe' Artikoli 85 (1) u 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 637 u 638 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Michael Spiteri hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il Qorti illiberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum;

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, rabtet lill-hati b' garanzija personali fil-konfront ta' Fortun Sultana taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Michael Spiteri minnhu pprezentat fl-1 ta' Marzu, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata fil-konfront tal-esponenti, fis sens illi tillibera lill-istess esponenti mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u sussidjarjament jekk dawn l- aggravji ma' jintlaqghux, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjha fil-parti tas-sejbien ta' htija kif fuq spjegat u/jew fil-parti tal-piena inflitta billi minflok tinfliggi wahda inqas li tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-EWWEL AGGRAVJU**

1. Illi zgur mhux forsi li l-esponenti mhux ser jghallem lil din l-Onorabbli Qorti dwar x' inhuma r-rekwiziti sabiex tinstab htija taht l-Artikolu 85 tal Kap 9;

2. Illi din il-Qorti stess ghandha ghadd kbir ta' sentenzi studjati f' dan ir rigward li lkoll jaghtu sintezi tajba hafna ta' x' kien l-ghan wara dan l-Artikolu in partikolari u ta' x' inhu rikjest ghal sejbien ta' htija tahtu;

3. Illi fost dawn hemm is-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Peter Paul Muscat</u>** tas-6 ta' Novembru, 2018, u dik fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Godfrey Casha</u>** tat-12 ta' Marzu 2019;

4. Illi l-esponenti jemmen illi huwa ma kellu qatt jinstab hati taht dan l-Artikolu, u dan b' applikazzjoni tal-insenjamenti li johorgu mis-sentenzi surreferiti:

5. Illi mill-provi hareg b' mod car u manifest x' kien l-*istatus quo* ossia x' kienet is-sitwazzjoni fuq il-post. Infatti u kif xehed l-esponenti, hareg bic-car illi "qsami ma kien hemm qatt".[1]

**Ix-xhud:**

> *... Ma kien hemm xejn, dak li qed nahdem jien bqajt nahdmu. Imbaghad mort u sibt il-qsami.*

**Dr Joshua Grech:**

> *... inti x' hin indunajt li hemm il-qsami, x' ghamilt?*

**Ix-xhud:**

> *Jien qlajthom. Mela hemmhekk kien hemm il-qsami xi darba! Ahna rajt il-pjanti tal-MEPA, tal-Land, minn fuq mill-ajru, tas-satellita fl-elf disa' mija tmienja u disghin (1989) qatt ma kien hemm qsami, dejjem hekk inhadmet.*

**Il-Qorti:**

> *Qallek li l-qsami erba' xhur ilu, ghallinqas il-provi li ghandi, u ghandha akkuza li fit-tmienja (8) ta' Ottubru nehhejthom, u ammettejt li int nehhejthom.*

**Ix-xhud:**

> *Heqq! Jekk ma kienx hemm qsami qabel, kif ma nnehhihomx!*

---

[1] Vide xhieda ta' Michael Spiteri in ezami.

**Il-Qorti:**

*Ma tistax tnehhihom, ma tistax!*[2]

Illi dan l-*istatus quo* gie sahansitra kkonfermat mill-kwerelant Fortun Sultana nnifsu fil-kontro-ezami tieghu:

**Dr Joshua Grech:**

*Sur Sultana, inti ghidtilna illi l-qsami nqalghu. Meta tgoggew il-qsami?*

**Ix-xhud:**

*Ghax morna biex nahdmuha u nsib il-qsami maqlughin. Imbaghad morna,*

**Dr Joshua Grech:**

*Minuta. Dawk il-qsami li sibt maqlughin meta poggejthom?*

**Ix-xhud:**

*Lanqas ilni xejn, kemm ilu? Ilu erba' xhur?*

**Dr Joshua Grech:**

*Jigifieri dan l-ahhar, erba' xhur, jigifieri ara nghidx sew li inti poggejt il-qsami, però dritt wara regghu nqalghu?*

**Ix-xhud:**

*Regghu nqalghu.*

**Dr Joshua Grech:**

*All right. Inti x' hin poggejt dawk il-qsami lil ta' magenbek, min jahdem ir-raba' ta' magenbek, ghidtlu?*

**Ix-xhud:**

*Ma ghidtlu xejn. Ghalfejn nghidlu?! La naf li tieghi!*

[2] Vide xhieda ta' Michael Spiteri in ezami

Illi dan jinsab ukoll ikkoroborat mir-ritratt mill-ajru a dokument "D" tal-process (m' ghandux fol numru) mnejn jidher mhux biss illi din l-art tinsab registrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura f' isem l-esponenti (u li din fil-fatt tinhadem minnu stess), izda wkoll illi ma kienx hemm gebel jew qsami fil-post:[3]

Illi dan ir-ritratt mill-ajru juri wkoll kif din l-art fl-interita taghha kienet tinhadem *quod unum* billi kollha kemm hi ghadha l-istess radda tal-mohriet/makkinarju simili;

Illi tajjeb jigi enfasizzat ukoll illi fix-xhieda tieghu, il-kwerelant Fotun Sultana bhal donnu kien qed joqghod lura milli jikkonferma f' termini cari u inekwivoki illi din l-art kienet tinhadem minnu jew fuq struzzjonijiet tieghu matul dawn l-ahhar snin - anke ghaliex dan ma setghax jaghmlu billi dan ma kienx il-kaz:

Illi ghalhekk ukoll, u dejjem fl-umli fehma tal-esponenti, dan Fortun Sultana naqas ukoll milli jipprova pussess u/jew mera detenzjoni tal-proprjeta in kwestjoni. Ix-xhieda tieghu ma kienet xejn konklussiva f' dan ir-rigward, u anqas ma' jista jinghad illi x-xhieda tar-rapprezentant tal Awtorita tal-Artijiet affermat dal-punt in partikolari billi dan ix-xhud ikkonferma li t-territorju kien wiehed detenut indivizament bejn numru ta' ko-inkwilini wiehed minnhom kien Fortun Sultana u l-iehor kien Joseph Spiteri, l-awtur fit-titolu tal-esponenti:

Illi forsi persuna li setghet titfa' aktar dawl dwar dan kollu kien Daniel Sultana - bin Fortun Sultana - izda dan ix-xhud naqas milli jixhed;

Illi ghalhekk mill-provi hareg:

a) Illi originariament ma kienx hemm gebel u/jew qsami;
b) Illi dawn saru minn Fortun Sultana u/jew minn ibnu daqs 4 xhur qabel is-seduta in Prim' istanza;
c) Illi dawn inqalghu mill-esponenti daqs 4 xhur qabel is-seduta in Prim' Istanza; u ghalhekk immedjatament illi dawn saru.

[3] L-art in kontestazzjoni mbaghad tinsab indikata a fol 58 fuq pjanta redatta mill-AIC Angelo Portelli. Jekk wiehed iqabbel dil-pjanta ma' Dokument D fuq imsemmi johrog bic-car illi l-art in kontestazzjoni tinsab egistrata fuq l-esponenti mal-imsemmi Dipartiment.

Illi l-immedjatezza ta' kemm ghagglu tnehhew dawn il-qsami / dan il-gebel wara li saru abbuzivament (fl-umli fehma tal-esponenti) minn Fortun Sultana u/jew minn ibnu bhal donnha tirrizulta wkoll mill-okkorrenza ta' PS 156 J. Attard illi tinsab in atti:

Illi minn dan kollu wiehed jista' jislet punt kardinali. L-unika intenzjoni li kellu l-esponenti kienet dik illi huwa jipprotegi l-proprieta li kellu t-tgawdija taghha u li jmanti l-pussess tieghu kif ukoll l-*istatus quo*; u kif inhu risaput

> *"... dan ir-reat ma jissussistix meta "l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu filpussess tal-haga... Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.*
>
> *Illi minn dan jinsilet il-principju li l-imputat ma jinstabx hati tal imputazzjoni tar-ragion fattasi una volta l-agir tieghu jkun xprunat mill-intenzjoni li jipprotegi l-proprjeta tieghu, ossia meta jkun agixxa in legittima difeza. Konkordi f' tali hsieb huma wkoll l-awturi li jaghtu lok ghad-duttrina li fformulat il gurisprudenza nostrana in materia:"*[4]

Illi ironikament l-Ewwel Onorabbli Qorti anke waqt is-seduta kemm-il darba ghamlet referenza ghall-frazi "*status quo"*; izda mbaghad - u bid dovut rispett ghamlet zball fatali meta naqset milli tassew tapprezza x' kien effettivament l-*istatus quo ante*;

Illi ma dan kollu jorbot tajjeb ukoll il-principju ta' *vim vi repellere licet* illi jigi kkwotat hafna f' dan l-ambitu kemm fis-sentenzi tal-Qrati taghna, imma wkoll mill-awturi solitament ikkwotati fil-kuntest ta' dan kollu:

"Illi fis-sentenzi **Il-Pulizija v Alfred Garroni** moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 1983 u anki fis-sentenza **Il-Pulizija v Michael Portelli** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-20 ta' Lulju, 2006 gie kkwotat bran mill-Maino, fejn dan tal-ahhar jghid is-segwenti:

> "la massima via vi repellere licet non e soltanto appplicabile alla repulse delle offese personali essa si estende a qualunque repulse di ingiusto attacco alla proprieta, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame" (Enfasi mizjuda);

[4] Vide s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Muscat u fuq msemmija.

Illi dan il-hsieb hu sostnut bil-fatt li hemm differenza bejn min izomm il-pussess ta' xi haga li jkun qed igawdi u min min naha l-ohra ifixkel lil haddiehor fit-tgawdija ta' xi haga. Tal-ewwel ma jwettaq ebda reat filwaqt li fit-tieni istanza r-reat jigi kristalizzat. Dan huwa abbazi tal-principu qui continuat non attentat;

Ili tabilhaqq l-istess Maino, fuq l-iskorta tal-**Carrara**, jghid:

> "*Altro principio: non puo' costituire delitti di ragion fattasi la semplice cintinuazione di un possess preesistente; qui continuat non attentat; occorre la violazione del possesso altrui. L' atto esterno (costituente il reato di ragion fattasi) deve - cosi' Carrara - privare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e nell' attuale godimento di un bene, e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perche' la legge protegga lo statu quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati, o per decreto dell' Autorita' guidiziale (si ritiene percio' non commettere reato il colono che insista sul fondo dopo avuta la disdetta). Sarebbe ragion fattasi l' azione dell' altro che mi impedisse di continuare quel godimento; dunque non puo' essere ragion fattasi l' azione mia, con la quale mi mantengo in quel godimento....*

Illi imbaghad fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale Speciale** II il-**Maino** jkompli jghid li:

> "*Non commetta reato colui che ha agitato nella necessita di difendere il proprio posesso anzi che col proposito di turbare l' altrui la massima vim vi ripellere lecit' non e soltanto applicabile alla ripresa dell' affare personali, esso si estende a qualunque repulso di ingiusto attacco alla proprieta, quando la difesa si esercita entro limiti del moderamo.*"

Illi dan il-principju gie wkoll enuncjat mill-**Carrara** meta jghid:

> "*Dunque, non puo' essere ragion fattasi l' azione mia con la quale mi mantengo in quell godimento.*"

...

**Crivellari** dwar din id-difiza jghid:

> "*La massima vim vi repellere licet, come l' altra qui continuat non attentat...escludono l' esercizio arbitrario. Egli è perciò che se per togliere il*

*mio diritto di passaggio si erigerà una siepe, in quello stesso momento avrò diritto di abbatterla, allora respingerò un arbitrio, ma non commetterò mai un atto arbitrario."*

**Antolisei** ukoll jispjega f' dan ir rigward li:

> *L' ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l' autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l' antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l' interesse del possessore."*

Ghalhekk tajjeb titaqsi meta hu applikabbli d-difiza ta' vim vi repellere licet? Meta naghmlu referenza ghal dan il-principju qed nittrataw l-att legali sabiex b' forza ripellata b' forza soggetta ghar-regola generali li l-forza ser tintuza mhux ghal skop ta' tpattija izda biex dak li jkun jiddefendi hwejgu. Naturalment il forza uzata trid tkun fil-limiti naturali taghha.

**Carrara** isostni li l-maxim maxim vim vi repellere licet "*non è soltanto applicabile alla repulsa delle offese personali; essa si estende a qualunque repulsa di ingiusto attacco alla proprietà, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame*."

Dwar dan il-principju Professor Anthony J. Mamo isostni li:

> "*No offence is ommitted if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others*"

Illi pero' din il-Qorti tipprovdi li sabiex dan il-principju jissusti huwa importanti li l-att biex tirripella il-forza f' dan il-kaz it tibdil tas-serratura isir bla telf ta' zmien u mhux gimgha wara kif gara f' dan il-kaz ta' tibdil ta' serratura f' Jannar 2017. Din id-difiza ghalhekk qed tigi michuda ukoll.[5]

[55] Vide s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Muscat u fuq imsemmija

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti jsostni illi huwa ma kellux jinstab hati tar-reat taht l-Artikolu 85 tal-Kap. 9;

Illi bl-istess mod u ghall-istess ragunijiet u bid-dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti anqas ma setghet tinstab htija taht l-Artikolu 340 (d);

Illi ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-elementi necessarji sabiex jissustitwixxu l-offizi ravvizati fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-esponenti huma ghal kollox mankanti;

**IT-TIENI AGGRAVJU**

Illi sussidjarjament imbaghad, u f' kaz illi din l-Onorabbli Qorti hija tal fehma illi tassew kien hemm ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9, xorta wahda l-esponenti f' dak il-kaz ma setghax u ma kellux jinstab hati ta' ksur tal Artikolu 340 (d) billi dan l-Artikolu japplika biss kemm-il darba jkun hemm violazzjoni ta' proprjeta illi ma tkunx tinkwadra taht xi artikolu iehor fil-Kodici Kriminali;

Illi fil-fatt l-Artikolu 340 (d) jipprovdi testwalment:

> "*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjetà ta' haddiehor,* ***mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band' ohra f' dan il-Kodici***." (Enfasi mizjuda)

Illi hekk perezempju fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Charles Gauci</u>** et inghad:

> "*Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-artikolu 340 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjeta, kull min "bi hsara ta-ssid jew tad-detentur. jaghmel vjolazzjoni ohra kontra I-proprjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band' ohra f' dan ilKodici" (sottolinear ta' din il-Qorti). Peress illi l-appellanti nstabu hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tali htija qed tigi kkonfermata, ma kellhomx allura jinstabu hatja wkoll ta' din il-kontravvenzjoni.*"

**IT-TIELET AGGRAVJU**

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, hija I-umli fehma tal-esponenti illi l-piena inflitta kienet wahda sproporzionata u eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz:

Illi dan qed jinghad kemm fir-rigward tal-ordni taht l-Artikolu 22 tal Kapitolu 446 fejn jissemma terminu ta' sena, kif ukoll ghall-ordni taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Illi hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-ordni taht l-Artikolu 22 u fuq imsemmi kellha tkun ghal terminu ta' ferm inqas minn sena; kif ukoll illi ma kienx hemm htiega ghal ordni taht l-Artikolu 383 u fuq imsemmi billi fil-mori tal-procedura in Prim' Istanza ma rrizultax li kien hemm xi biza' ta' nuqqas ta' buon ordni jew problemi ulterjuri bejn il-partijiet. Fil-fatt anqas ma kien hemm akkuza ghal ksur ta' buon ordni (ghalkemm huwa minnu li ordni taht l-Artikolu 383 ma' tirrikjedix dan);

Semghet lil-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-23 ta' April, 2021.

Ikkunsidrat,

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : **<u>Il-</u>**

**Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[6]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[7]"; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[8]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[9] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**"[10] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[11]*"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[12]", inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-14 ta' Frar, 1989.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[10] ([1969] 1 QB 276
[11] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[12] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994.

*konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat u approfondit tal-provi imresqa quddiemha.

Nhar il-15 ta' Frar, 2021 il-prosekuzzjoni pprezentat l-affidavit ta' **PS 156 L Attard**[13] u dan irraporta li nhar l-4 ta' Ottubru, 2020 gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Ghawdex mar Michael Spiteri u dan stqarr li huwa ghandu ghalqa registrata fuq ismu fil-limiti tax-Xewkija u fil-fatt urih id-dokumenti relattivi. Dan Spiteri stqarr li nhar il-Hamis 8 ta' Ottubru, 2020 huwa kien ghaddej minn hdejn l-imsemmija ghalqa u ra borg gebel fl-istess ghalqa. Qalli kien ircieva telefonata minghand certu Fortun Sultana li dan qallu li kien ghamillu l-gebel peress li dik l-ghalqa hija proprjeta tieghu ghaliex kien jahdimha ghaxar snin ilu filwaqt li kien ihallas ukoll. Huwa tkellem ma dan Fortun Sultana fejn dan pprezenta ukoll dokumenti u li dik l-ghalqa ihallas ghaliha hu. Ghalhekk iz-zewg partijiet stqarrew li kienu ser ikelmu l-avukati taghhom. Huwa rega tkellem ma Spiteri u dan qallu li fuq il-pjanti tal -Awtorita tal-Ippjanarli jmorru lura ghas-sena 1998 dawn juru li l-ghalqa kienet tinhadem shiha bhal ma hi qed tinhadem. Spieri komla jghid li Sultana m aihallsx l-bicca li qed jindika hu bil-qsim imma jsita jkun li qeda ma genb l-ghalqa tieghu. Mistoqsi dwar il-qsim milkl-pulizija jekk qalax il-qsim qieged fil-posittiv u dan sehh wara li kien ha parir mill-avukat

[13] Fol. 4 tal-atti processwali

tieghu peress li kemm ilu imur hemm aktar minn ghaxar snin qatt ma kien hemm qsami.

**Martin Bajjada,** Direttur tal-Lands xehed nhar il-15 ta' Frar, 2021 jghid b'referenza ghal porzjon raba numru 50070 din fiha 27 porzjon u fiha tmitnax-il self tomna u cioe 18,897m.k u ghandu lista ta' inkwilini fl-istess qatgha . Stqarr li Fortun Sultana m'ghandu x'jaqsam xejn mal-qatgha. Dan ghandu l-kirja u fil-fatt esebixxa pjanta u dokument li gew markati bhala dok MB1. Qal li mieghu hemm inkwilini ohra pero peress li huma in solidum l-extent ta' kul wiehed ma jkunx immarkat imma qieghed fil-konfini fl-entita wiehed.

Qal li l-arti hija mikrija lil seba min nies u ghalhekk huma biss ghandhom dritt li jahdmuha salv jekk m'ghandhomx tfal u allura tidhol il-kapitolu 199 tal-ligijiet ta' Malta. Mistoqsi jekk fir-rigward tal-inkwilin indikat bhala Joseph Spiteri kienx sar xi trasferiment jghid li skond id-dokumentazzjoni li ghandu ma sar l-ebda trasferiment u jekk sar xi trasferment dan ghandu jigi registrat maghhom.

**Fortun Sultana** xehed nhar il-15 ta' Frar, 2021 u spejga li l-ghalqa in kwsitjoni qeda Ta' Hamet u ilu jahdimha ghoxrin sena. Imbagahd kien hemm xi zmien meta ma kellux ilma u ma baqax jahdimha pero kien imur jigbor il-prodott li jitla. Wara ghamel xi zmien ma kienx jiflah u ma marx jahdimha u xi hadd qala il-qsami u mar jahdimha. Ghalhekk mar l-ghassa ghaliex qalghulu l-qsami u dahlu jahdmu ir-raba mingharj il-permess teighu. Waqt li ma kienx jiflahx baqa' ihallas il-kera . Huwa pprezenta l-ircevuti tal-kera *animo ritirandi.*

Fit-8 ta' Ottubru, 2020 kellu t-tifel li xtaq jahdem l-ghalqa Daniel Sultana u dan meta mar fl-ghalqa sab il-qsami maqlughin u haratha. Rega pogga l-qsami u Michael Spiteri rega mar u qalaghhom. Mistoqsi jekk xi hadd rah jaqlaghhomn jghid li le izda Spiteri qal li hemmhekk tieghu. Huwa rega pogga il-qsami u huwa qalghhom, rega qalaghom u Spiteri baghat lil xi hadd u zera z-zerriegha. Qal li dan qabad u dahal go fiha. Qal li hu pogga dawn il-qsami xi erbgha xhur qabel ma xehed. Jghid li meta pogga l-qsami lil ta' ma genbu ma qallux ghaliex ma hassx li kellu jghidlu la hemmhekk tieghu.

L-akkuzat appellant **Michael Spiteri** xehed nhar il-15 ta' Frar, 2021 u qal li dan ir-raba kienet tal-kugin tieghu u kien imur jghinu dejjem. Imbagahdvbbeda jizraghha hu fis-ena 2004. Qal i qsami qatt ma kien hemm. Qal i lil Fortun Sultana qatt ma rah

hemmhekk u qatt ma rah hemm. Qal li huwa qala' l-qsami ghaliex qatt ma kienu hemm qabel. Qal li sab il-qsami fuq ir-raba li kien jahdem. Mistoqsi fejn kien ir-raba li kellu Sultana jghid li ma jafx ghaliex ghaliex qatt ma rah hemm . Qal i hemmhekk imur xi ghaxar darbiet f'senaQal i mar hemm minn dejjem u mis-sena 2004 il-kugin qallu beix imur jahdimha hu. Qal li huwa kien nehha l-qsami u war tmint ijiem kien cempillu Sultana u staqsih ghaliex nehha l-qsami. Huwa wiegbu ghalfejn ghamel il-qsami meta ma kienx hemm qsami u Sultan abeda jheddu u jghajjat . Qal i Sultana qallu lkien ilu jahdem l-art ghaxar snin meta huw awiegbu li ma setax kien ghaleix kien ilu jahdimha msis-ena 2004. Qal li huwa nehha l-qsami appena rahom.

Ikkunsidrat,

Illi ghalehkk il-fatti li taw ok ghal din il-vertenza kienu s-segwenti:-

1. Fortun Sultana qed jghid li hwua kellu bicca raba imqabbla lilu mill-Awtorita tal-Artijiet u dan gie konfermat mix-xhud Martin Bajajda, Direttur tal Lands
2. Illi dan Sultna pero ghamel zmien twil ma jahdimx l-art ghaliex kien ma jiflahx u ghaliex ma kellux ilma
3. Illi xi jum partikolari iddecida li ihalli lil ibni Daniel Sultana sabiex jibda jahdem din ir-raba u ghalhekk iddecida li jghamel il-qsami xi erba xhur qabel ma xehed u ghalhekk cirka Ottubru 2019 .
4. Illi l-akkuzat jghid li kien ilu jahdem din l-istes raba' sa mis-sena 2004 u dan wara li l-kugin tieghu kien hallih jahdimha
5. L-akkuzat jghid li ma qatt ma kien hemm qsami u ghalhek mea mar fl-ghalqa u ra l-qsami dan qabad u qalghhom.
6. Jirrizulta li xi zmien wara dawn regghu tpoggew u l-akkzuat rega nehhihom.
7. L-akkzuat pero' qatt ma jghid li huwa nehha l-qsami fl-istess hin li ra lil Fortun Sultana ipoggihom.

L-akkuzat fl-ewwel lok bhala difiza isostni li Sultana qatt ma kellu l-pusess ta' l-ghalqa u ghalhekk qatt ma setgha ipoggi l-qsami. Waqt li fit-tieni lok jghid li jekk in pessima ipotesi din il-Qorti tasal biex tghid li Fortun Sultana kellu l-pusess l-akkzuat agixxa in legittima difesa tal-prorpejt atieghu u cioe in omagg mal-principju Vim vi repellere licet.

Fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u cioe dik ta' raggion fattasi u appuntu dwar l-ewwel element ta' dan ir-reat u cioe il-pusess, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-pulizija vs Eileen Said**[14] fejn din il-Qorti diversament preseduta stqarret li;

> *L"element materjali jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu d-dgawdija tagħha[15]".*

U bhala risultat

> *"due volontà vengano a conflitto, l"una delle quali trovasi in uno stato giuridico accompagnato da presunzione di legittimità, e l"altra abbia una pretensione contraria a questa presunzione.[16]"*

Meta tara dak li jghid Blacks Law Dictionary dwar it-tifsira ta' 'tgawdija insibu li l-kelma tfisser " *the possession and the use of a right or thing, movable or immovable*[17]."

Ghalhekk jirrizutla li l-artikolu 85 jipprotegi l-pussess u tgawdija tal-oggett u mhux it-titolu. Filf-att fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Bianco** [18]intqal li:

> *Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta" din l-għalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta" dan ir-reat m"hemmx lok li jiġi ippruvat it-titolu; huwa neċessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess ġie mfixkel b"azzjoni ta" terzi sabiex b"hekk il-possessur ma setgħax igawdi l-pussess liberu tal-oġġett[19].*

---

[14] Appell Kriminal inferjuri numru: 37/2002, Deciz nhar id-19 ta Gunju 2002.

[15] -element materjali jikkonsisti meta pesuna jippriva persuna ohra mill-godiment tal-haga. Ara ukoll **Il-Pulizija v. John Pullicino**, Appell Kriminal inferjuri numru: 243/2009, Deciz nhar is-16 ta' Novembru, 2009, , Il-Pulizija v. Francis Sammut, Appell Kriminal inferjuri numru: 48/2009, Deciz nhar l- 14 ta' May, 2009.

[16] E Pessina, Elementi di Diritto Penale, Vol II - Dottrine Speciali, (Napoli 1882) 260. Pessina is referring to a situation of conflict of pretences.

[17] B A Garner, Black"s Law Dictionary, (8th Edition Thomson West, USA 2004) 571

[18] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali deciz nhar 5 ta MArzu 2010

[19] F'dan il-kaz l-prosekuzzjoni esebiet numru ta kuntratti bhala prova ta 'ownership'. Il-Qorti riteniet li b'referenza ghal dan l-akkzuat that esami ma hemm xlok li jigi pruvat it-titolu. Huwa necessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova il-pussess u li kienhemm terz li pprivah mit-tgawdija tieghu ta l-oggett

Ghall-esistenza tar-reat ta' raggion fattasi l-pussess jew mera detenzjoni hija bizzejjed ghal att materjali tar-reat. Dan filf-att gie manifestament approvat u accettat fis-sentenzi **Il-Pulizija vs Mario Bezzina** [20]fejn l-Qorti irriteniet li:-

> *Għall-finijiet tar-reat ta" ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi"(ara appell kriminali Il-Pulizija v. George Zahra, 16 ta" Lulju 1958- Vol XLII.iv. 1453). Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta" dak l-oġġett. Taħt l-artiklu 85 talKodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk.*

Fir-rigward tal-element ta' pussess il-Qorti tal-Appelli kuntrarjament ghal dak li gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza **il-Pulizija vs Carmel maghruf bhala Charles Farrugia**[21] iliberat lil Farrugia a bazi tal-fatt li l-ewwel element ta' pissess kien nieqes. L-Qorti tal-Appell ezaminat it-tifsira ta' tgawdija li hij marbuta sticto iuris ma kul kaz b'mod independent. Il-fatti kienu li Farrugia kien ighin fil-preparamenti tan-nar ghal festa ta' San Bastjan. Farrugia kien l-uniku persuna li kien juza magna partikolari mgharufa bhala 'makinetta tal-mili tal funtani'. Wara argument mas socjeta ta' San Bastjan, Farrugia waqaf jghin f'dawn il-preparamenti u ah l-magna mieghu. Is-socjeta pprezenta t kwerela mal-pulizija u Farrugia gie imressaq il-Qorti akkzuat bir-reat in deamina ta' raggion fattasi. Il-Qorti wara li ezamian tl-fatti irriteniet li:-

> *Mill-kumpless tal-provi ma jirriżultax li l-ewwel element ġie sodisfaċiment ippruvat. Infatti ma jirriżultax li meta l-appellant ħa (flimkien ma għodda oħra) il-makkinetta mill-kamra tan-nar fejn kien iżommha huwa kien qiegħed ifixkel lil xi ħadd (senjatament lill-Għaqda tan-Nar ta" San Bastjan) mill-pussess ta' din il-makkinetta, għax din il-makkinetta kienet dejjem fil-pussess tal-appellant u fil-pussess tiegħu biss u kien hu biss li jużaha. Fi kliem ieħor, l-att estern minnu magħmul, anke jekk magħmul kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta ta" l-*

[20] Appell Kriminal inferjuri numru 42/2004. Deciz 26 ta Mejju 2004. Vide ukoll **il-Pulizija vs John Cassar** Appell Kriminal inferjuri numru 28/2006. Deciz 24 ta Jannar 2007
[21] Volume LXXIX, part IV & V, p 1571, Appell Kriminal inferjuri, deciz nhar is-17 ta' Frar 1995,

*imsemmija Għaqda ma kienx qiegħed iċaħħad lil din il-Għaqda mit-tgawdija tal-makkinetta, għax l-Għaqda kienet tgawdi proprjament mhux il-makkinetta iżda x-xogħol li hu kien jagħmel b'dik il-makkinetta*

Illi fil-kaz in desamina jinghad bla tlaqliq li l-prosekuzzjoni ma pprovatx li l-kwerelant kellu l-pussess tal-haga u cioe' tal-ghalqa ghaliex kif stqar hu stess kien ilu ma jahdem ir-raba ghaliex ma kienx hemm ilma u wara ghaliex ma kienx jiflah u iddecida li jhalli lil ibni Daniel Sultana jahdimha u kien wara li iddecida li jghamel il-qsami.

Pero jekk l-akkzuat kellu ragun inehhi l-qsami li ammetta li nehha hija kwisjtoni ohra. Ma hemmx dubju li bhala provi l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li l-kwerelant pogga l-qsami u li l-akkzuat nehha dawn il-qsami pero' ma irnexxihiex tipprova li dan sar fl-sitess waqt kif rikejst fid-difiza ta' vim vi repellere lecit.

Din id-difiza hija acccettata fir-rigward tar-reat ta' raggion fattasi kif del rsto hija accetata fir-rigward ta' actio spoli. Pero' jinghad li l-forza uzata biex twaqqaf l-agir illegali trid tigi esercitata 'confestim ed in contenenti' u mhux 'ex intervaalo' jigifieri fl-istess hin, jew ahjar immedjatament wara li tkun saret l-azzjoni. Jekk hemm spazju fil-hin l-azzjoni ta' min ircieva l-azjoni tigi mibdula ghar reat ta' raggion fattasi per se. Fil-fatt **Trabucchi** fil-ktieb tieghu Istituzioni di **Diritto Civile** ighid:-

> *Mentre dura l"offesa (in continenti) di fronte cioè a colui che vuole violentemente sottrarne il bene al possessore, questi può agire direttamente, esercitando una legittima difesa. (Vim vi repellere licet). Ma se non c"è l"immediatezza, il possessore che defendesse il suo ius possessionis agendo 96 personalmente incorrerebbe nel reato di ragion fattasi.*[22]

Meta l-ligi tirreferi ghad-difiza ta' v*im vi repellere leccit* qedin nitkelmu fuq l-agir legali li intuza biex jirribatti agir illegali. Jew anttwalment li tali forza intuzat mhux bhala tpattija izda sabiex dak li jkun jipprotegi l-proprjeta tieghu. Din il-forza ghandha dejjem tintuza minghajr abbuz. M'ghandhiex teccedi l-limitu sufficjenti biex dak li jkun jerga jottjeni l-pussess tal-oggett altrimenti l-att jista jitqies bhala att arbitrarju fl-esercizzju ta' dritt pretiz. **Carrara** isostni li l-principju *vim vi repellere lecit;*

---

[22] A Trabucchi, Istituzioni di Diritto Civile, (Quarantesima Prima Edizione Cedam, Padova 2004) 552 - 553.

*' non e soltanto applicabile alla repulse delle offese personali; essa si estende a qualunque repulse di iniusto attacco alla proprieta **quanda la difesa si eserciti entro i limiti del moderame**[23]."* ( enfasi mizjuda mill-Onorabbli Qorti)

Dwar dan il-principju l-**Professur Sir Anthony J. Mamo** jirritjeni li:-

*" No offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others"*

Id-difiza tal-principji *vim vi repellere lecit* giet milqugha mill-Qorti fis-sentenza **il-Pulizija vs Paolo Mifusd** [24] u **Pulizija vs George Galea** [25] . Fl-ewwel kaz l-Qorti tal-Magistrati sabet lil Paolo Mifsud hati tar-reat ta' raggion fattasi. Il-fatti kienu li ohtu Doris Debono kienet zerghet il-prodott fl-ghalqa fejn huwa kellu l-pusess. Huwa qabad u harat din l-ghalqa biex jerga jiehu l-pussess tal-ghalqa. Il-Qorti tal-Appel revokat din is-sentenza moghtija mil-ewwel Qorti a bazi tal-fatt li Paolo Mifsud kien qed jipprotegi l-*istaus quo* u laqghet il-rpincipju ta' *vim vi repellere licet.*

Dan il-principju kien ukoll abbraccjat fis-sentenza **il-Pulizija vs George Galea** fejn il-Qorti tal-appelliKriminal alterat is-entenzamoghtija mill-ewwel Qorti. Galea sid tal maisonetter kellu obbligu kontrattwali sbaiex ihalli lil Schembri ukoll sid ta' maisonetter ohra sbiex jwahhal fuq il-bejt tieghu aerial tat-teliesion u tank tal-ilma. Kien ukollobbligati li ihallih jagheml it-tiswijiet meta kienhemm bzonn. Schembri bla permess ta' Galea installa dish tas-satelita fuq il-bejt ta' Galea. Galea irrifjuta li ihalli lil Schembri fuq il-bejt tieghu sabiex ighamel it-tiswijiet fis-satellita u l-Qorti tal-appelli Kriminali rriteniet li:

*Kien Schembri li vvjoli l-proprjeta" ta" Galea billi daħallu fiha ad insapura tiegħu u waħħal xi ħaġa (differenti minn dik li hemm fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt) fejn ried hu mingħajr qabel ma kkonsulta*

---

[23] F Carrara, Programma del Corso di Diritto Criminale, Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 550, refer also to V Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Volume V, (Torino Unione Tipografico, Torino 1950) 1156

[24] Deciza mill-Qorti tal-appelli kriminali nhar il-11 ta Frar 2002. App. Kriminal Inferjuri numru 152/2001

[25] Deciza mill-Qorti tal-appelli kriminali nhar id-9 a Mejju 2009. App. Kriminal Inferjuri numru 387/2007

*ma" l-istess Galea dwar fejn l-oġġett kellu jitwaħħal. Lappellant Galea kien għalhekk intitolat, b"interpretazzjoni analoġika tal-prinċipju vim vi repellere licet, li ma jħallix lil Schembri jagħmel xejn aktar li biha l-pożizzjoni tiegħu, cioè ta" l-istess Galea, vis-à-vis dan is-satellite dish tiġi aggravata.*

Illi kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha **<u>The Police v. Jane Deguara</u>**[26] l-azzjoni trid tkun wahda immedjata, fil-fatt sostniet li:

> *It is clear, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. The raison d'etre for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities- one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapse of time, then the law requires reference to the proper authority.*

Fil-kaz in desamina ma jirrizultax li fil-fatt l-akkzuat agixxa fil-hin ta' mea l-kwerelant pogga l-qsami u ghalhekk ma kellu l-ebda dritt inehhi tali qsami bla ma jirrikorri lejn il-Qorti. Konsegwentemnt ir-reat kif prospettat taht la-rtikolu 85 jirrizulta provat.

Dwar it-tieni akkuza u cioe vjolazjoni ta' proprjeta kif dispost fl-artikolu 340 (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, id-difiza issostni li l-ewwel Qorti ma setgehtx issib lill-akkuzat hati u dan ghaliex kienet gja sabet lill-akkuzat hati tar-reat ta' 'raggion fattasi. L-artikolku 340 (d) jipprovdi li"*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjetà ta' haddiehor,*

[26] Appell Inferjuri Kriminali deciz nhar il-5 ta Dicembru,2003. App Inf numru 146/2003

***mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band' ohra f' dan il-Kodici.***

Illi fil-kaz in desamina id-difiza ghandha ragun u dan ghaliex din il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' htija fir-reat ta' ragion fattasi u ghalhekk ma kellhiex issib lill-akkuzat hati tat-tieni akkuza

Fir-rigwad tat-tielet aggravju l-appellant jistqarr li l-piena moghtija hija wahda eccessiva u sproporzjonata meta inghata *unconditional discharge* ghall-perijodu ta' sena u in oltre l-garanzija moghtija skond l-artikolu 383 ghall-perijodu ta' sena taht penali ta' €500 euro fin-nuqqas.

F'dan ir-rigward din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[27]:

> '*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[28]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[29] *u ohrajn.)' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[30]: il-Qorti kkunsidrat li ;-

> '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[28] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[29] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

*'stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.'*

Il-Qorti hija tal-fehma li l-piena imposta minn din il-Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi, m'hix sproporzjonata jew eccessiva u ghalhekk ghandha tigi konfermata.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qeda tichad l-appell tal-appellant fir-rigward tal-ewwel akkuza fejn qeda tikonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tali sabet lill-appellant hati tar-reat ta' raggion fattasi u illiberatu taht l-artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijdou ta' sena qeda tilqa' t-talba tal-appellant fir-rigward tat-talba ghar-revoka fir-rigward tat-tieni akkuza fejn l-ewwel Qorti sabitu hati taghha billi tiddikjara li ma hiex qed issibu hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

Qeda ukoll tikkonferma il-garanzija moghtija mill-ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tipprovdi ghaz-zamma tal-bon ordni pubbliku billi qeda torbot lill-akkuzat b'garanzija personali fil-konfront ta' Fortun Sultana ghall-perijodu ta' sena taht penali ta' hames mitt euro ( €500) fin-nuqqas.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur